# UFFIĊĊJU STAMPA

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971

12 ta' Frar 2005

TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. BUTTIGIEG
REF : 22/2005

## ITTRA PASTORALI GĦAR-RANDAN 2005
## MILL-ARĊISQOF TA' MALTA
## U L-ISQOF TA' GĦAWDEX

### L-EWKARISTIJA TGĦAQQADNA MA' ALLA U BEJNIETNA

Maħbubin Uliedna,

Il-Papa Ġwanni Pawlu II, ried li fid-Dinja Kattolika, minn Ottubru 2004, sa Ottubru 2005, tkun sena ddedikata għall-Ewkaristija. Dehrilna, għalhekk, li l-Pastorali ta' dan ir-Randan, għandha tkun fuq l-istess suġġett.

L-Ewkaristija hija marbuta mill-qrib, ma' żewġ ġrajjiet kbar li seħħew fit-tmiem tal-ħajja ta' Kristu fuq din l-art, li huma: l-aħħar ċena u l-mewt tiegħu fuq is-salib.

Fl-aħħar ikla tiegħu "awl il-lejl qabel ma bata", Ġesu' waqqaf l-Ewkaristija, bħala Sagrifiċċju u Sagrament tal-Liġi l-Ġdida. Fuq il-Kalvarju, Ġesu' temm is-sagrifiċċju uniku tar-reliġjon Nisranija, is-sagrifiċċju mwettaq biċ-ċarċir ta' demmu u li fih, Ġesu' nnifsu hu fl-istess ħin, saċerdot u vittma ssagrifikata biex tinkiseb il-fidwa tal-bnedmin mill-jasar tad-dnub.

Is-sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida

Kif kien jiġri anki f'diversi reliġjonijiet oħra, fir-reliġjon Lhudija, is-sagrifiċċji ta' diversi għamliet kienu jsiru ta' spiss u fihom il-vittmi li kienu jiġu offerti lil Alla, kienu jkunu bhejjem bħal ħrief jew għoġiela, kif ukoll xi prodotti. Hekk, per eżempju, Abel kien joffri mill-ħrief tal-merħla tiegħu u Melkisedek, Saċerdot u Sultan ta' Salem kien joffri ħobż u inbid.

Iżda s-sagrifiċċju l-kbir li għoġob tabilhaqq lil Alla, kien dak li għamel Kristu Ibnu. Fil-Liġi l-Ġdida, Ġesu' ssagrifika lilu nnifsu għalina fuq is-salib, u fil-ħniena infinita tiegħu, ried li dan is-sagrifiċċju jiġi mfakkar u mġedded fil-Quddiesa.

Is-sagrifiċċju huwa għemil li bih il-bniedem jirrikonoxxi lil Alla, bħala Sid u Ħallieq ta' kollox, waqt li jkollu l-fehma li jagħtih qima u adorazzjoni. Il-vittma li tiġi maqtula jew meqruda, fis-sagrifiċċju tirrappreżenta l-offerta tiegħu nnifsu, li l-bniedem, jixtieq jagħmel bi tpattija għal dnubietu u biex iressaq t-talb tiegħu quddiem il-Mulej.

Is-sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida, huwa s-sagrifiċċju tas-salib, mibdi fl-aħħar ċena li Ġesu' għamel ma' l-Appostli tiegħu, meta x'ħin bidel il-ħobż fil-Ġisem Imqaddes tiegħu, qalilhom "Dan huwa Ġismi, li jingħata għalikom", "Dan huwa l-kalċi ta' Demmi" u kompla jgħidilhom "li xxerred għalikom, għall-maħfra tad-dnubiet". Il-Ġisem Imqaddes

li bih Ġesu' ha l-passjoni tiegħu, u d-demm li huwa ċarċar b'sagrifiċċju fuq il-Kalvarju, kienu preżenti wkoll taht ix-xbihat tal-ħobż u l-inbid li Huwa kkonsagra fiċ-ċenaklu, u offra bħala vittma tas-sagrifiċċju tiegħu.

Dan l-istess sagrifiċċju mibdi fiċ-ċenaklu u mitmum fuq is-salib, jiġi mfakkar u mġedded b'mod sagramentali u mingħajr tixrid ta' demm, f'kull Quddiesa li titqaddes. Dan għaliex Ġesu', bil-kelmiet "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi"(Lq 22,19), wera biċ-ċar, li ried li jibqa' jsir hekk sa l-aħħar taż-żminijiet u qabbad lill-Appostli u lis-suċċessuri tagħhom biex iwettqu l-amar tiegħu. Iżda dan kellhom jagħmluh, mhux l-Appostli biss, tul ħajjithom fid-dinja, iżda b'dawn il-kelmiet, Ġesu' l-istess setgħa li ta lill-Appostli, taha wkoll lill-isqfijiet suċċessuri tagħhom u lill-presbiteri kollha, ċioe', is-setgħa li bħalma għamel Hu, jibdlu l-ħobż f'Ġismu u l-inbid f'Demmu u joffru s-sagrifiċċju uniku tiegħu.

Dan l-għemil tal-għaġeb, iseħħ fil-mument tal-konsagrazzjoni fil-Quddiesa, meta s-saċerdot jgħid il-kelmiet "Dan hu ġismi", "Dan hu l-kalċi ta' demmi". Wara l-konsagrazzjoni, għalhekk, fuq l-artal ma jibqax iżjed ħobż u inbid, iżda taħt ix-xbihat jew id-dehra tagħhom, ikun preżenti l-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Din il-bidla hija miraklu kbir li aħna nemmnu b'fidi ħajja għaliex Kristu irrivelah lilna u l-Knisja tgħallimhulna. Ġesu', bil-Ġisem glorjuż tiegħu, huwa reali u ħaj fl-Ewkaristija, daqs kemm hu fis-sema, veru Alla u veru bniedem, l-istess wieħed, li għamel dan il-miraklu fl-aħħar ċena, li miet fuq is-salib b'sagrifiċċju għal dnubietna u li qam mill-imwiet, bil-qawwa divina tiegħu. Ġesu' huwa kollu u sħiħ, taht ix-xbiha tal-ħobż u taħt ix-xbiha ta' l-inbid, f'kull ostja kkonsagrata u f'kull parti minnha.

Il-Quddiesa hija għalhekk, azzjoni ta' Kristu u tal-Knisja, li flimkien miegħu twettaq l-uffiċċju saċerdotali tagħha u flimkien ma' Kristu, toffri lilha nfisha lill-Missier Alla. Il-Quddiesa hija ċ-ċentru tal-ħajja tal-Knisja, u jixraq li tkun ukoll iċ-ċentru tal-ħajja ta' kull wieħed u waħda minn uliedha.

Is-sagrifiċċju tal-Liġi l-Ġdida huwa l-att suprem li Kristu wettaq fuq l-art, għaliex bil-passjoni u l-mewt tiegħu, ta l-ikbar glorja lill-Missier tiegħu tas-sema u lilna kisbilna s-salvazzjoni. Dan l-istess sagrifiċċju, jiġġedded għalina, taħt is-sura sagramentali fil-Quddiesa. Din, għalhekk, mhix biss tifkira jew sinjal tas-sagrifiċċju tal-passjoni u tal-mewt tal-Mulej, iżda dak is-sagrifiċċju li seħħ darba fuq il-Kalvarju, isir preżenti kull darba li jiġi ċċelebrat is-sagrifiċċju Ewkaristiku. Bir-ragun, mela, ngħidu li l-Quddiesa hija l-istess sagrifiċċju tas-salib, għaliex fit-tnejn hemm l-istess saċerdot u l-istess vittma, li huwa Kristu.

Il-Liturġija, li biha l-Knisja tiċċelebra l-Quddiesa fiha żewġ taqsimiet, li jissejħu l-Liturġija tal-Kelma u l-Liturġija ta' l-Ewkaristija. L-ewwel taqsima, hija preparazzjoni għat-tieni waħda, u sservi wkoll għall-formazzjoni nisranija, ta' dawk li jieħdu sehem. Waqt li nisimgħu b'attenzjoni siltiet mill-Iskrittura Mqaddsa, nitgħallmu bil-ferħ, il-kelma ta' Alla rivelata lilna, biex iddawlilna l-fidi u tkun bħal ikel bnin għall-ħajja spiritwali tagħna.

Fit-tieni taqsima jew fil-Liturġija Ewkaristika, hemm tliet mumenti: l-offerta tal-ħobż u ta' l-inbid, il-konsagrazzjoni, u t-tqarbin.

Waqt li s-saċerdot ikun joffri l-ostja fuq il-patena u l-kalċi bl-inbid, min ikun jieħu sehem fil-Quddiesa, jixraq li jagħmel l-offerta tiegħu nnifsu u ta' ħidmietu lil Alla. Fil-konsagrazzjoni, il-Quddiesa tilħaq il-qofol tagħha, għax f'dak il-mument, Kristu l-vittma tagħna jsir realment preżenti għalina, taħt ix-xbihat Ewkaristiċi u aħna, membri tal-Ġisem Mistiku tiegħu, flimkien miegħu, noffru l-vittma divina lill-Missier Alla. Wara li jitqarben is-saċerdot, jekk inkunu imħejjija kif jixraq, hija ħaġa tajba li nersqu

nitqarbnu aħna wkoll, biex hekk, l-Ewkaristija tidher aħjar bħala misteru tal-għaqda tagħna ma' Kristu, u ma' ħutna l-bnedmin.

Il-Quddiesa nistgħu noffruha għall-ħajjin u għall-mejtin. Hija l-aqwa talba li għandha l-Knisja u l-aqwa suffraġju li nistgħu nagħtu lill-erwieħ tal-Purgatorju.

**L-akbar fost is-sagramenti**

San Tumas ta' Akwinu jsejjaħ it-Tqarbin bħala l-akbar fost is-sagramenti, għaliex huwa s-Sagrament li fih jinsab l-Iben ta' Alla nnifsu, bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinita' tiegħu.

Huwa s-sagrament direttament marbut mat-tqaddis tal-bnedmin.

It-tqarbina ġġib għaqda bejn Kristu u min jitqarben, u ġġib ukoll l-għaqda mal-proxxmu ċioe' l-membri tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu; hija n-nutriment tal-ħajja spiritwali ta' dawk li jitqarbnu. It-tqarbin huwa sagrament soċjali, għaliex dawk li jieħdu sehem f'din l-ikla joqorbu lejn Kristu u fl-istess waqt joqorbu iktar lejn xulxin.

Biex nersqu nitqarbnu jeħtieġ li nkunu mħejjija sewwa. L-ewwelnett jeħtieġ li nkunu fil-grazzja ta' Alla jiġifieri ma jkollniex dnubiet mejta fuq il-kuxjenza tagħna. Għalhekk, kif jgħidilna l-"*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*" (n. 1385); "irridu nħejju ruħna għal dan il-mument hekk kbir u qaddis". San Pawl iħeġġiġna biex ngħarblu l-kuxjenza tagħna: "Kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun ħati tal-Ġisem u d-Demm tal-Mulej. Ħa jagħrbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi. Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-Ġisem tal-Mulej, ikun jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess" (1 Kor.11,27-29). Min ikun jaf li hu ħati ta' dnub gravi, l-ewwel għandu jirċievi s-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, qabel jersaq jitqarben.

Hemm bżonn ukoll li nirċievu lil Kristu fit-Tqarbin, b'fidi mħeġġa, bl-umilta', u b'ġabra qaddisa, iżda ma tantx huwa possibbli li nqanqlu f'ruħna dawn is-sentimenti jekk ma ninġabrux għall-inqas għal ftit ħin u naħsbu fuq dan il-misteru ta' mħabba. Il-Quddiesa fiha nfisha, bil-qari mill-Kotba Mqaddsa u bit-talbiet liturġiċi hekk sbieħ, jekk nieħdu sehem sħiħ u attiv fiha, tista' sservi bħala tħejjija xierqa għat-Tqarbin. Iżda, meta nitolbu u nkantaw ma' l-insara l-oħra fil-Quddiesa, irridu naċċertaw ruħna li talbna u l-imġiba kollha tagħna jkunu ispirati mill-imħabba lejn Kristu u mid-devozzjoni tagħna lejn l-Ewkaristija, filwaqt li nħossu l-ħtieġa li bl-Ewkaristija ningħaqdu ma' Kristu u nsiru nixbħuh dejjem iżjed spiritwalment.

Il-Kattoliċi li jitqarbnu, jemmnu b'fidi qawwija, li Kristu, realment preżenti fl-ostja mqaddsa li jirċievu fit-Tqarbin, jibqa' fihom għal ftit taż-żmien u jixraq li jroddulu ħajr minn qalbhom u jitolbuh il-grazzji li jkollhom bżonn.

Ma tkunx ħaġa sewwa li wieħed, minnufih wara li jitqarben joħroġ barra mill-knisja, u jinsa totalment dak li ġara fih permezz tat-Tqarbin. Għalhekk, wara t-Tqarbin, għandu jkun hemm ftit tal-ħin għar-riflessjoni fis-skiet u għal xi talb ta' radd il-ħajr. Il-kant li jsir waqt it-Tqarbin, għandu jkun magħżul apposta biex iqanqal sentimenti ta' rikonoxxenza lejn Ġesu' Ewkaristiku. Xi drabi, meta, wieħed ma jkollux ħafna ħin, biex jitlob u jimmedita fit-tul, wara t-Tqarbin, jistgħu jkunu ta' għajnuna biex iżommuh fi spirtu ta' għaqda ma' Kristu, xi ġakulatorji jew invokazzjonijiet li huwa jtenni anki mentalment. Meta ma nistgħux nitqarbnu hija rrikmandata ħafna t-Tqarbina tax-xewqa.

**Ġesu' baqa' magħna fl-Ewkaristija**

Anki wara li tintemm il-Quddiesa, Ġesu' jibqa' magħna taħt ix-xbihat ta' l-Ostja kkonsagrata, u jinżamm fit-tabernaklu fil-knejjes tagħna. Kif jgħidlna l-Papa Pawlu VI fl-istqarrija tal-Fidi tat-30 ta' Ġunju 1968 "Wara s-Sagrifiċċju din l-eżistenza tibqa' preżenti fis-Sagrament Imqaddes li jinżamm fit-tabernaklu, bħala l-qalb ħajja tal-knejjes tagħna. Għalhekk huwa dmir tassew ħelu għalina li nagħtu ġieh u nqimu fl-Ostja Mqaddsa li jaraw għajnejna, il-Verb inkarnat innifsu li l-għajnejn ma jistgħux jaraw u li bla ma jħalli s-sema, sar preżenti quddiemna".

Barra milli nieħdu ħsieb li l-artali u l-knejjes jinżammu bid-dekor tagħhom, jeħtieġ ukoll li kemm ilbiesna kif ukoll l-imġiba tagħna jkunu jixirqu lill-post imqaddes li nkunu fih. Ma għandna qatt ninsew li l-knejjes tagħna, huma d-dar ta' Alla fuq l-art u meta nkunu qegħdin hemm, inkunu qegħdin quddiem il-preżenza ta' Kristu fl-Ewkaristija.

Huwa l-ħsieb tagħna l-Isqfijiet li din is-sena norganizzaw fil-gżejjer tagħna Kungress Ewkaristiku Nazzjonali bil-ħsieb li ngħinu lil xulxin nifhmu dejjem aħjar il-kobor tal-miraklu ta' l-Ewkaristija u biex nikbru dejjem iżjed fl-imħabba u l-qima tagħna għall-Ewkaristija.

Il-Knisja Kattolika tgħożż l-Ewkaristija bħala l-aqwa teżor tagħha, u tagħtiha kontinwament venerazzjoni mill-akbar. Hija tixtieq ukoll li l-insara wliedha, jaduraw b'qima profonda, u b'fidi qawwija, lil Kristu, preżenti fl-Ewkaristija, sabiex isibu fih, is-saħħa ta' ruħhom.

Kristu ried jibqa' magħna sa l-aħħar taż-żminijiet fis-sagrament ta' mħabbtu, sabiex l-insara jżuruh, jadurawh u jifthu qalbhom miegħu, kif wieħed jitkellem ma' ħabib tal-qalb u b'hekk jagħtu widen għall-istedina tiegħu: "Ejjew għandi intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin u jiena nfarraġkom" (Mt 11,28).

Għalhekk, ma għandniex nonqsu li nżuruh ta' spiss, u għall-inqas għal ftit tal-ħin, noqogħdu ħdejh, kif widdeb lill-Appostli "ishru miegħi". Matul din is-Sena Ewkaristika, għandna nsaħħu d-drawwa sabiħa, li l-insara jattendu għall-Benedizzjoni Sagramentali, jieħdu sehem fl-adorazzjoni meta jkun hemm l-espożizzjoni tas-Santissimu Sagrament, kif ukoll fil-purċissjonijiet Ewkaristiċi u f'atti oħra ta' qima lejn Ġesu' Sagramentat.

Nagħtukom il-barka pastorali tagħna b'rahan ta' kull ġid mis-sema.

L-Erbgħa tar-Rmied, 9 ta' Frar 2005.

✠ **ĠUŻEPPI MERCIECA**
**Arċisqof ta' Malta**

✠ **NIKOL Ġ. CAUCHI**
**Isqof ta' Għawdex**